MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Numru. 11/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**
**vs**

**CHARLES SULTANA**
**JOSEPH SULTANA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputati **CHARLIE SULTANA**, imwieled nhar id-disgha ta’ Marzu 1966 u residenti 106, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, detentur ta' karta tal-identita numru 48686M u **JOSEPH SULTANA** imwieled nhar it-tmienja ta’ Mejju, 1970 u residenti 107, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta ta l-identita’ numru 58586M, gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Fit-tmienja w ghoxrin ta’ Marzu 2006, bejn is-sitta u nofs ta’ filghaxija w s-sebgha neqsin kwart ta’ filghaxija, fix-Xaghra, Ghawdex, hassru, ghamlu hsara

jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal iktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1000 ghad-dannu ta’ Indri u Marija Xuereb.

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba taghhom ikkagunaw lil Indri u Marija Xuereb u lit-tfal taghhom, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta’ taghhom bi ksur tal-Artikolu 251 B tal-Kodici Kriminali.

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisru l-bon ordni u l-paci pubblika.

4. **Charles Sultana wahdu**, akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna t’ohtu Marija Xuereb.

5. **Charlie Sultana wahdu** akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi verbalment hedded lil Indri Xuereb.

6. **Joseph Sultana wahdu** akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tohrog Ordni ta’ trazzin ai termini tal-artikolu 382(A) tal-Kodici Kriminali kif ukoll tapplika l-artikoli 383 u 384 tal-istess Kodici.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom zewg atti mill-estratt tat-twelid Dok. CSH 1 u CSH 2, u zewg fedini penali tal-imputati esibiti bhala Dok. CSH 3 u CSH 4, stqarrija tal-imputat Joseph Sultana esibita bhala Dok. AG 1, stqarrija tal-imputat Charlie Sultana esibita bhala Dok. AG 2, c-certifikati ta’ Maria Xuereb esibiti bhala Dok. AG 3 u AG 4, l-istima minn Franco Sciberras esibita bhala Dok. AG 5, l-istima minn Philip Attard *surveyor* esibita bhala Dok. AG 6, l-*quotation* ta’ Borg Aluminium esibita bhala Dok. AG 7, l-*quotation* ta’ Gozo Aluminium esibita bhala Dok. AG 8, l-okkorrenza

relattiva esibita bhala Dok. PS u l-affidavit ta' Doctor Patrick Sciberras esibit bhala Dok. DR.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Maria Xuereb, lil Dottor Mario Victor Masini, lil Joseph Grech u lil Philip Attard.

Semghet lill-imputati Charles u Joseph Sultana jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2006 xehed **l-Isepttur Antonello Grech** (a fol. 18) fejn qal li fit-tmienja u ghoxrin ta' Marzu tal-istess sena kien gie nfurmat mis-Surgent Gauci llum Maggur, illi kien sehh incident fix-Xaghra, fejn kien hemm glieda bejn l-ahwa Joe u Charlie Sultana u minn naha l-ohra ohthom Marija Xuereb u zewgha Indri, u li din tal-ahhar spiccat b' xi propjeta' li kienet imkissra. Is-Surgent kien qallu wkoll li kienu tkissru xi katusi li hemm fl-isqaq li Charlie Sultana u ohtu Marija Xuereb ghandhom kwistjoni dwaru, ghax Sultana jghid li hu tieghu u ohtu tghid li huwa taghha. Qallu li pero' mbaghad l-argument eskala, tant li ndahal ukoll Joe Sultana, u dan flimkien ma' huh Charlie habtu ghal ohthom Marija u ghall-familja taghha. Kompla jghid li s-Surgent kien qallu wkoll li din kienet pronta dahlet id-dar izda hutha baqghu jippruvaw jidhlu ghaliha u b'hekk saret hsara kemm fil-bieb kif ukoll fir-rixtellu ta' l-aluminju. Ix-xhud kien gie infurmat li Joe Sultana beda jheddidhom u sahansitra hareg il-parti tieghu fit-triq.

Ghaldaqstant l-Ispettur kien ta l-ordni sabiex jigu arrestati kemm Joe u kemm Charlie Sultana. Huwa stess mar fuq il-post biex jara d-danni li kien hemm. Kien hemm katusi miksurin kif ukoll ir-rixtellu maqlugh u daqqiet fuq il-bieb.

Kompla jghid li l-ghada kien ha stqarrija kemm lil Joe Sultana u lil Charlie Sultana li t-tnejn kienu ghazlu li jwiegbu d-domandi, liema stqarrija ittihditilhom wara li nghatatilhom is-solita twissija li setghu ma jitkellmux. Fuq l-istqarrija x-xhud gharaf il-firem tieghu u tal-Maggur,

dakinhar Surgent 755 Frank Gauci, kif ukoll il-firma tal-imputati.

Sussegwentement qal li kienu waslulu wkoll certifikati medici fejn jidher li Marija Xuereb kienet sofriet xi griehi hfief, u certifikat tat-tfal taghha li kien jidher li ma garrbu ebda griehi. Ix-xhud ipprezenta wkoll diversi stimi li saru tal-hsarat li kien hemm.

Zied jghid li Indri Xuereb kien qallu li kellu xi hsarat fuq il-karozza, pero' huwa ma rahomx. Ix-xhud esebixxa d-Dok. AG 1 bhala l-istqarrija ta' Joe Sultana, bhala Dok. AG 2 l-istqarrija ta' Charlie Sultana, certifikati medici ta' Marija Xuereb bhala Dok. AG 3 u erba' (4) certifikati f'daqqa rigward it-tfal bhala Dok. AG 4.

Esebixxa wkoll stima minghand Franco Sciberras dwar xoghol ta' katusi ghall-prezz ta' tnejn u tletin lira (Lm32), li giet immarkata bhala Dok. AG 5, stima ta' Philip Attard bhala *Surveyor* tal-karozza li giet immarkata bhala Dok. AG 6, liema dokument jindika li l-hsarat jammontaw ghal mitejn u erbghin Lira (Lm240), kif wkoll stima ta' Borg Aluminium ghal hsara li kien hemm fil-*gate* tal-bronz kif ukoll fil-hgiega u fil-bieb ghall-prezz ta' mitejn u tlieta u hamsin Lira (Lm253), bhala Dok. AG 7, stima ohra mill-Gozo Aluminium ta' erbgha mija u sitta u sittin Lira (Lm466) fuq l-istess affarijiet bhala Dok. AG 8.

Sussegwentement ix-xhud stqarr li huwa kien ressaq lill-istess Sultana il-Qorti.

Illi nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2006, xehed **PS 755 Frank Gauci** (a fol. 37) fejn qal li hu jiftakar li nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Marzu 2006, kienet cemplet l-ghassa Marija Xuereb u allegat li hutha kienu qeghdin ikissrulha d-dar. Huwa ghalhekk flimkien ma' l-863 u 1506 kienu marru fuq il-post fejn waslu fi tlett minuti. Qal li hemmhekk sabu lil Charlie Sultana barra r-residenza ta ohtu Marija Xuereb, waqt li Marija Xuereb u l-familjari taghha kienu fir-residenza taghhom.

Huwa innota li Sultana kellu xi demm fuq idu l-leminija u meta staqsieh x'kien gara, dan kien wiegbu li kien qala' l-katusa li kien hemm fl-isqaq.

Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza li l-Qorti mmarkat bhala Dok. PS. Kompla jghid li Sultana kien qallu li fil-hin tal-incident huwa kien fil-garaxx tieghu u f'hin minnhom ohtu Marija harget tghajjat ma' wliedu li kienu qeghdin jilaghbu barra. Qallu wkoll li dak il-hin ohtu Marija kellha hadida f'idejha, u harget ghat-tfal tieghu b'din il-hadida, u li meta hu ra hekk hatfilha din il-hadida minn idejha. Imbaghad qabad argument fuq din il-katusa u fis-sahna qabad u qala' din il-katusa. Kien qallu wkoll li ohtu bdiet tinsolentah b'ommu meta din fil-fatt hija mejta.

Ix-xhud kompla jghid li huwa ha wkoll il-verzjoni t'ohtu Marija, li tinsab imnizzla fl-istess okkorrenza redatta minnu.
Din kienet qaltlu li mhux veru kienet harget bil-hadida, anzi l-hadida kienet haditha minghand it-tifel stess u li hija kienet herget biss biex tkellmu bil-kelma t-tajba dwar il-kwistjoni tal-katusa.

Qaltlu wkoll li waqt li huha kien qed jipprova jiehu l-hadida minn idejha laqatha b'din l-istess hadida u ziedet li huha l-iehor, cioe' l-imputat Joseph Sultana, ma kienx prezenti waqt it-tkissir tal-katusa. Qalet li x'hin huha laqatha bil-hadida bezghet u baqghet diehla gewwa. Sussegwentement hutha, cioe' l-imputati odjerni, bdew jigru warajha u bdew ihabbtu u jkissru l-*gate*. Hija baqghet gewwa tittawwal minn got-tieqa filwaqt li hutha kienu barra.

Qalet ukoll li huha Joseph gab ruhu indicenti fil-konfront ta' uliedha tant illi hareg anke l-parti genitali tieghu barra u qalet li haditlu ritratt, pero' dan ma harigx car.

Ix-xhud kompla jghid li sussegwentement Marija Xuereb kienet qalet li l-vettura taghhom BBJ 558, li waqt l-incident kienet ipparkjata quddiem id-dar taghhom, spiccat milquta mill-bicciet ta' katusa li taru w ghalhekk garrbet xi hsarat. Qal li dan kollu jinsab fl-okkorrenza tieghu.

Imbaghad kompla jghid li sussegwentement huwa kien informa lill-Ispettur b'dak kollu li kien gara u wara l-istess imputati gew arrestati. L-ghada ittiehdu l-i*statements* ta' l-istess imputati.

Ikkonferma l-kontenut taz-zewg stqarrijiet esebiti f'dawn l-atti mmarkati bhala Dokumenti AG 1 u AG 2 u fihom gharaf il-firem tieghu, tal-Ispettur, u anke tal-imputati Joe Sultana u Charlie Sultana. Ikkonferma wkoll li qabel ma gew rilaxxjati dawn l-istqarrijiet, iz-zewg imputati inghataw is-solita twissija.

Mitlub jghid xi hsarat kien hemm, wiegeb li kien hemm xi hsarat fuq il-bieb tal-aluminju tad-dar ta' Xuereb, u precizament hgiega miksura fil-panew tal-istess bieb; li nqala' l-aluminju mic-cacciss tal-kancell; u li kellha xi nemusiera mdendla mat-tieqa li taghti ghas-sqaq, pero' din tqattghet mit-tifel. Ikkonferma li din in-nemusiera qattaghha it-tifel bil-ballun. Kellha wkoll xi tektik mat-tieqa peress li hutha kienu tefghulha xi gebel. Irrizultalu li kien hemm diversi insulti u theddid miz-zewg nahat.

Xehed li huwa kien ra l-karozza ta' Indri Xuereb, li hija tal-ghamla Toyota Corsa, u qal li ghalkemm meta raha kien qed jidlam, pero' tikek fuq il-karozza ma rax.

Illi nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2006, xehdet **Maria Xuereb** (a fol. 49) fejn l-ewwelnett ikkonfermat li hija tigi oht l-imputati Charlie u Joseph Sultana. Qalet li hi tiftakar li f'jum minnhom fost l-ohrajn ghall-habta tas-sitta (6.00) semghet tahbit mal-genb tad-dar taghha, ittawwlet mit-tieqa ghal isfel u rat lit-tifel ta' huha Charlie, Ivan, jibbawnsja l-ballun mal-hajt taghha.

Imbaghad qalet li wara xi kwarta t-tahbit beda jinstema' differenti u l-ballun beda jibbawnsja mat-twieqi tal-kcina u tal-*bedroom*. Ghalhekk fethet it-tieqa, u meta ttawlet rat li n-neputi taghha kien ghadu jilghab bil-ballun u qaltlu "Hawn x'gej?" Dan it-tifel, li ghandu bejn hdax (11) u tnax il-sena, rrispondieha biex tidhol 'il gewwa u hi dahlet ghax hasbet li kien se joqghod kwiet. Pero' mbaghad it-tahbit

rega' beda jinstema' differenti, ghalhekk regghet ittawwlet u sabet lil hu dan it-tifel, li jismu Louis, jaghti mal-hajt. Qalet li minn fuq hasbitu li kien qed jaghti b'xi hadida, qaltlu biex jieqaf, imma dan qalilha biex tinzel ghax kien hemm missieru u kompla jaghti mal-katusa tal-ilma u mal-hajt. Ziedet li x'hin nizlet sabet li dan kien qed jaghti b'bicca xaft ta' karozza u mhux b'hadida. Iccarat li missier dan it-tifel huwa l-imputat Charlie Sultana. Qalet li meta nizlet, it-tifel dahhal ix-xaft fil-katusa ta' l-ilma, imbaghad hi hargitu minn hemm u poggietu fil-genb tal-garaxx taghhom ma' l-art.

Fid-daqqa u l-hin hareg huha u qalilha biex terga' tpoggi x-xaft lura fejn kien, peress li hemmhekk kien hwejgu. Imbaghad qalet li dan qabad ix-xaft mill-art u ramih fuq il-katusi taghha. Dak il-hin hi qabdet ix-xaft biex tnehhih minn hemmhekk, u fl-istess hin qabdu huha wkoll u ghalhekk gew erba' (4) jdejn fuqu. Huha hadha bix-xaft b'kollox u habbtilha spallitha x-xellugija mal-hajt. Kien hawnhekk li semghet lil zewgha jghajjat mit-tieqa "Ara tmissha".

Kompliet tixhed li mbaghad hi dahlet tigri l'gewwa, ghalqet il-*gate* u l-bieb warajha u talbet lit-tifel icempel lill-Pulizija. Sadanittant kien lahaq wasal huha Joseph bil-karozza.

Qalet li x'hin gie Joseph huha Charlie aktar beda jaghmel l-arja u beda jkisser il-katusi. Haditlu r-ritratti waqt li kien qed jaghmel hekk. Huha l-iehor kompla mieghu u fil-fatt it-tnejn bdew ikissru l-katusi.

Esebiet tnejn u ghoxrin (22) ritratt ta' dan l-incident, go envelop kulur kannella li gie mmarkat bhala Dokument "Z". Uhud minn dawn ir-ritratti hadithom waqt li kienet fit-tieqa, u ohrajn hadithom mill-vicin wara l-incident.

Spjegat li wiehed mir-ritratti jindika lill-imputat Joseph Sultana johrog il-parti genitali tieghu, u hu u jaghmel hekk qalilha biex tohodlu ritratt u hi hekk ghamlet. Kompliet li wara li kissru l-katusi dahlu fid-dar taghha, kissrulha l-gate u laqtulha l-karozza bit-titjir tal-katusi. Qalet li anke katusi mal-faccata tad-dar kien hemm. Qalet ukoll li fethulha l-

bieb u t-tfal taghha bdew iwerzqu u jghajtu ghax werwruhom, u sadanittant waslu l-Pulizija. Ikkonfermat li dak il-hin it-tfal taghha, li l-etajiet taghhhom ivarjaw bejn disgha snin u sittax il-sena, l-erbgha li huma kienu hemmhekk. Sussegwentement qalet li kienet hadet diversi ricevuti lill-pulizija.

Hawnhekk ix-xhud qalet li meta marret biex issewwi l-bieb tal-aluminju, giet infurmata li kellha taghmel bieb gdid, ghax aluminju antik bhal ma kellha ma kinitx se ssib. Qalet li fil-fatt il-bieb ghadu ma ssewwiex ghax ghadha ma sabet lil hadd li jista' jsewwihulha.

Illi nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2006 xehed **Indri' Xuereb** (a fol. 52) li qal li dakinhar tat-tmienja w ghoxrin ta' Marzu waqt li kienu qeghdin jieklu, semghu xi hsejjes mal-hajt. Ittawlu hu w il-mara tieghu, u raw lit-tifel ta' hu l-mara jitfa' l-ballun mal-hajt taghhom. Spjega li hu kien qed jittawwal mit-tieqa ta' fuq.

Kompla jghid li Sultana kien qal lil martu biex tinzel, pero' hi ma tatx kazu. Pero' wara xi hin regghu instemghu il-hsejjes, u martu qaltlu li kienu poggew xi hadida fuq il-kanen ta' l-ilma, u zied li wara ftit semghu id-daqqiet bil-hadida fuq il-hajt.

Wara ftit martu nizlet biex tehodlu l-hadida biex ma jaghmilx hsara u allura hareg ghaliha huha l-kbir Charlie. Ix-xhud qal li dak il-hin huwa kien qieghed ihares mit-tieqa ta' fuq, biss lil Charlie Sultana widdbu biex ma jweggaghlux il-mara. Qal li Sultana ta xi daqqa bil-hadida lil Marija Xuereb, din harbet tigri 'l gewwa u dak il-hin l-iehor mar jaqbad mal-katusi tal-ilma.Ix-xhud ikkonferma li hu fl-ebda hin ma nizel fit-triq.

Kompla jghid li meta Charlie Sultana kien kisser il-katusi kollha, wasal huh iz-zghir, l-imputat Joseph u bdew jitfghu il-bicciet tal-katusi li kienu kissru lejn it-tieqa ta' fuq; partikolarment lejhom.

Minn fuq hadulhom xi ritratti u sadanittant cemplu lill-Pulizija li mbaghad gew fuq il-post. Qal li wara ftit bdew

jisimghu ukoll xi daqqiet fuq il-bieb, u ghalhekk it-tfal bdew jghajtu bil-bizgha. Pero’ ma setghu jaghmlu xejn. Tenna li t-tfal tant bezghu li ghadhom bix-xokk sa dakinhar. Ikkonferma li r-rixtellu li hemm fil-parapett spicca miksur u l-bieb bil-hgiega kollha miftuha.

Illi nhar is-sebgha (7) ta’ Settembru 2006 xehed **Joseph Grech** (a fol. 70) fejn qal li hu ma naf xejn fuq dan il-kaz u ma ghandu x’naqsam xejn mal-Gozo Aluminium. Mistoqsi jekk fejn jahdem hu hemmx xi Joseph Grech iehor, wiegeb li sa fejn jaf hu ma hemmx. Qal li mal-Gozo Aluminium hemm jahdem certu Brian Attard.

Illi nhar l-erbgha (4) ta’ Jannar 2007 xehed **Philip Attard** (a fol. 81) li qal li huwa jahdem bhala *motor surveyor* registrat mal-Malta Insurance Association. Kompla jghid li huwa kien gie mitlub jaghmel *survey* fuq il-vettura BBJ 558 tal-ghamla Toyota Corsa registrata f’isem Andrew Xuereb.

Spjega li huwa kien ghamel *survey report*, li jinsab esebit f’dawn l-atti (a fol 34), u fih kien indika li l-hsarat fuq din il-vettura jammontaw ghal mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240), minghajr il-VAT, li jikkonsistu f’hamsin lira (Lm50) ghal-*labour*, u mija u disghin lira (Lm190) *spray*. Huwa ghadda biex jikkonferma dan id-dokument.

Illi nhar it-tmienja u ghoxrin ta’ Settembru 2009 xehed l-imputat **Charlie Sultana** (a fol. 132) fejn qal li dakinhar tat-tmienja u ghoxrin ta’ Marzu 2006 bejn is-sitta u nofs u s-sebgha neqsin kwart ta’ filghaxija huwa kien qieghed gol-garaxx tieghu filwaqt li wliedu kienu qeghdin jigru barra jilaghbu. Stqarr li wiehed minnhom kien qed jilghab bil-ballun u l-iehor kellu speci ta’ kanna f’idejh u beda jtektek biha. Qal li f’daqqa wahda it-tifel tieghu dahal jghajjat id-dar li z-zija tieghu, Maria Xuereb, kienet harget ghalih. L-imputat zied li hu staqsa lil ohtu x’kien gara u din qaltlu li hasbet li t-tifel kien se jkissrilha l-katusa. Hu qal li meta din qaltlu hekk hu wegibha li billi kien qed itektek il-katusa ma kinitx ser tinkiser. Kompliet tilmenta mieghu li t-tifel l-iehor kien se jkissrilha l-katusa permezz tal-ballun. Qal li ohtu bdiet taqla’ hafna paroli tant li t-tfal

bezghu u sparixxew. <u>Stqarr li l-katusa kissirha hu stess meta hi bdiet twahhal f'ibnu li kien se jkissirhielha bil-ballun.</u>

Qal li sussegwentement kienet sabet xi haddiema li sewwewlha l-katusa u hu hallasha taghha, pero' li kien ghad fadallu jaghtiha tal-haddiema, li ezattament ma jafx kemm.

Illi nhar il-hmistax ta' Jannar, 2010 xehed l-imputat **Joseph Sultana** fejn qal li dakinhar tal-incident huwa kien l-isptar u cemplitlu l-mara tieghu fejn infurmatu li kien inqala' argument bejn ohtu u huh. Huwa ghalhekk telaq minn fejn kien u baqa' sejjer fuq il-post fejn sab lil hutu jargumentaw u jghajtu lejn xulxin. Qal li sussegwentement, hareg ir-ragel t'ohtu mit-tieqa u beda jiccalingja lilu u lil huh ghal glied, u ghalhekk hu wiegbu li jekk irid jiggieled messu jinzel. Pero' dan ma harigx ghad li l-imputat kien qed jistennieh barra.

Cahad li f'xi hin mess xi katusi jew karozzi, anzi qal li waqt li nkisru l-katusi huwa kien ghadu l-isptar. Insista wkoll li hu fl-ebda hin ma resaq lejn il-bieb tad-dar ta' ohtu.

Ikkonferma li 'n segwitu ghal dan l-incident, kienet infethet kawza civili mir-ragel ta' ohtu Andrew Xuereb, liema kawza giet deciza fit-tnejn u ghoxrin ta' Settembru 2009. B'din id-decizjoni hu u huh kienu gew ikkundannati jhallsu ghal xi spejjez, bhal ma jidher mid-dokumenti esebiti a fol. 134 *et sequitur* tal-process. Ikkonferma wkoll li huma hallsu l-ispejjez li gew ikkundannati jhallsu.

Rat il-verbal tal-Qorti tas-sittax (16) ta' Novembru 2009 fejn l-avukat difensur tal-imputati ddikjara li l-imputati ghamlu tajjeb ghal hsarat minnhom kagunati, liema somma mhallsa minnhom giet likwidata mill-Qorti Civili. Huwa esebixxa kopja tac-cekkijiet li gew mghoddija lill-avukat difensur tal-parte civile.

Ikkunsidrat:-

Illi ghalhekk ma hemmx wisq x'jinghad dwar ir-responsabbilita tal-incident ghaliex ghalkemm l-imputati m' ammettewx l-akkuzi, huma ghamlu tajjeb ghal hsarat kagunati minnhom.

Dan l-agir fih innifsu jfisser li huma kienu responsabbli ghal dak li gara.

Illi m'hemmx dubbju li verament f'dan l-incident l-parte civile sofriet griehi ta' natura hafifa, kif deskritt fic-certifikati medici esebiti a fol 24 et seq. M' hemmx dubbju lanqas ghalhekk li ghandhom jinzammu responsabbli ghal hsarat fuq il-vettura kif deskritt mis-*surveyor* Philip Attard u l-hsara l-ohra volontarja kif gia mhallsa minnhom.

Dwar l-akkuza li Joseph Sultana offenda l-pudur pubbliku, din il-Qorti tirrimarka li meta Joseph Sultana xehed ma cahadx din l-allegazzjoni kif spjegata minn ohtu Marija Xuereb w ghalhekk tali akkuza tirrizulta ukoll ippruvata.

Illi ghalhekk l-akkuzi jirizultaw ippruvati fl-intier taghhom.

Dwar il-piena, din il-Qorti rat il-fedina penali esebita a fol. 10 et seq tal-atti mmarkati bhala Dok. CSH 3 u CSH 4 u jirrizulta li ghandhom numru ta' *convictions* registrati fuqhom ghalkemm ta' portata zghira.

Rat illi huma ghamlu tajjeb ghal hsarat minnhom kagunati w ghalhekk illum il-gurnata l-kwerelanti m'ghandhom ebda pretensjoni ulterjuri kontra l-imputati ghar-rigward dan l-incident.

Fatt ukoll li din hija kwistjoni familjari w ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma thossx li ghandha timponi pieni karcerarja.

**Ghaldaqstant**, wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 325, 251, 338(dd), 221, 339(1)(e) u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed <u>ssib</u> lil imputati CHARLIE SULTANA u JOSEPH SULTANA <u>hatja tal-akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront taghhom</u>**

**u tikkundannhom ghal hlas ta' multa ta' tmien mitt euro kull wiehed (EURO 800).**

**Il-Qorti qeghda wkoll torbot lil imputati taht penali ta' mija u ghaxar euro fin-nuqqas, sabiex ma jimmolestawx, ma jingurjawx u ma jheddux lil Maria Xuereb u Indri' Xuereb ghal perjodu ta' sena mill-llum ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 382(A) u 383 u 384 tal-Kodici Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------